Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

## MINUTI TAT-TMIENJA U HAMSIN LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 11 ta' Mejju 2011 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 7.00pm |

**KULHADD KIEN PEZENTI U FIL-HIN.**
**Prezenti:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | NORBERT PACE |
| **Vici-Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Kunsilliera** | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | | LUISA GAUCI BALUCI |
| | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

**Is-Seduta giet immexxija mis-Sur Norbert Pace, Sindku**

**1. APPROVAZZJONI TA' MINUTI**
Gew approvati l-Minuti tal-laqgha Nru: 57(20.04.10). Ma saret l-ebda korrezzjoni.

**2. APPROVAZZJONI TA' HLASIJIET**
Is-Segretarju ressaq ghall-approvazzjoni hlasijiet ghax-xahar ta' April. Dawn gew approvati unanimament.

**3. APPROVAZZJONI TA' *AUDITED FINANCIAL STATEMENTS***
Is-Segretarju ressaq ghall-approvazzjoni l-emendi fl-Audited Financial Statements. Dawn gew approvati unanimament.

Il-Kunsillier Ralph Cassar ressaq xi punti qabel giet aggornata l-laqgha:

- Talab li titranga l-kurduna ta' Gardina tal-Gibjun
- Titnaddaf Triq il-Pitkali n-naha ta' fuq
- Ikkumenta fuq Triq ir-Ruzell u lmenta li mhix soluzzjoni li jitghattew it-tabelli
- Saqsa kif sejrin bil-gbir ta' skart riciklat nhar ta' Hamis. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li in generali is-sitwazzjoni mmiljorat. Is-Sur Pace qal li ftit li xejn tara boroz suwed sirt. Is-Sur Mark A. Spiteri qal li l-karta li ntbaghtet ghand in-nies kienet *neat* hafna. Saqsa wkoll kif sejjer l-impjegat il-gdid. Il-Vici Sindku wiegeb li qed isir hafna xoghol bhalissa fi Triq il-Linja ma' Triq B'Kara, ghalhekk issuggerixxa li kull min ghandu xi haga jibghat lista bil-miktub.
- Fakkar fuq l-uzu tal-pesticidi u saqsa jekk Joe Gauci hux qed juza xi pesticidi minhabba li dawn jistghu jaghmlu hsara lill-flora, annimali u sahansitra tfal. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li mhu qed juza l-ebda tip ta' pesticida. Is-Sur Cassar qal li ahjar jigi mfakkar xorta.

**4. AGGORNAMENT**
Il-laqgħa giet aggornata fit-7.00pm ghat-30 ta' Mejju 2011.

______________________ ______________________
Sindku Data